# M.U.S.E.U.M. 100 Sena ta' Tagħlim

Is-sena 2007, bla dubju ta' xejn hi sena ta' ga`zzja għas-SoċΔetà tal-M.U.S.E.U.M. (Soċjetà tad-Duttrina Nisra nija), mhux biss għax fit-3 a' Ġunju li għadda, il-Papa Benedittu AVI iddikkjara lil Dun Ġorġ Preca bħala qaddis, iżda wkoll għax din is-sena taħbat il-100 sena mit-twaqq if ta' din is-Soċjetà.

Dun Ġorġ waqqaf din is-Soċjetà fis-7 ta' Marzu 1907, u nistgħu ngħidu li llum, 100 sena wara, din iż żerriegħa li żera' Dun Ġorġ kibret u saret siġra li għeruqha mhux biss xterdu ma' Malta u Għawdex imma wkoll barra minn xtut na.

Iżda min hu Dun Ġorġ? Kif waqqaf il-M.U.S.E.U.M.? U x'inhi din is-Soċjetà li ħafna minnha, xi ftit jew wisq, missejna magħha?

Dun Ġorġ twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Kien isseba' tifel fost disa' aħwa. Meta kien għadu żgħir il-familja tiegħu marret



toqgħod il-Ħamrun. Kien tifel marradi iżda tajjeb fl-iskola speċjalment fil-lingwi. Stud ja fil-Liċeo meta kien żgħir u mbagħad kompla l-istudju tiegħu fis-Seminarju sabiex isir saċerdot. Ftit ġimgħat qa bel ma ġie ordnat Saċerdot, Ġorġ Preca marad gravament tant li t-tabib qata' qalbu milli jsalvah. Iżda Dun Ġorġ fieq u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906. Dun Ġorġ, wara, kien qal li l-fejqan tiegħu kien grazzja mingħand San Ġużepp.

Ġurnata waħda, Dun Ġorġ Preca kien għaddej fil-knisja u sema' lis-sagristan jgħallem id-duttrina lit-tfal.



Sfortunatament (jew forsi b'fortuna kbira għalina) dak li kien qed jgħid is-sagristan ma kienx kollu sew u korrett, u dak il-waqt, Dun Ġorġ intebaħ li kien hemm bżonn li ssir xi ħaġa sabiex lin-nies jingħatalhom tagħlim Nisrani kif xieraq. Dun Ġorġ tefa' għajnejh fuq grupp ta' żgħażagħ li kienu jiltaqgħu u jilagħbu f'għalqa quddiem il-knisja tal-Ħamrun. Sar ħabib tagħhom u bil-mod il-mod beda jkellimhom fuq Kristu u tagħlim ieħor. Il-ħsieb tiegħu (ħsieb li żgur kien ej minn Alla), kien li jiġbor grupp ta' żgħażagħ u wara li jinfurmahom fit-tagħlim ikunu kapaċi li jgħallmu lill-oħrajn.

L-ewwel żagħżugħ fosthom kien Ewġenju "Ġeġe" Borg, ħaddiem tat-tarzna. Dun Ġorġ urieh attenzjoni speċjali u kien jieħdu għalih waħdu biex jgħallmu u jfissirlu l-ħajja ta' Ġesù Kristu skond l-Evanġelju ta' San Ġwann. Il-quddiem, Ġeġè kellu jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà ta' Dun Ġorġ.

In-numru taż-żgħażagħ żdied ġmielu u allura kellhom jikru daqsxejn ta' dar fi Triq Fra Diegu, Numru 6, u l-ewwel laqgħa f'din id-dar saret nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu, 1907.

Din l-għaqda ta' Dun Ġorġ ġiet imsemmija M.U.S.E.U.M. u Dun Ġorġ ta tifsira lill-kelma Museum bil-kelmiet Latini: Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus. Din il-kelma ma kenitx ħaġ'oħra ħlief l-espressjoni ta' l-unika u l-ikbar xewqa li kellu Dun Ġorġ: "Mgħallem, o li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju."

Dun Ġorġ ried jibni din is-soċjetà fuq is-sod, fuq Ġesù Kristu. Rawwem l-ewwel membri fiċ-ċaħda u riedhom ikunu 'appostli' li jgħixu l-ispirtu ta' Kristu u jwassluh lill-oħrajn.. Ried ukoll li l-membri ta' din

is-soċjetà jagħtu ħajjithom u lihom infushom għat-tagħlim u l-qdusija, u allura ried li l-membri ma jkunux miżżewġin, imma jgħixu ta' ċelibi biex ħajjithom tkun offerta sħiħa lil Alla.

Bil-mod il-mod il-membri bdew jiżdiedu u jiftħu djar f'Malta għad-duttrina. Kollox kien jidher li kien miexi sew, iżda dlonk is-sħab iswed tal-għaqda ta' Dun Ġorġ. Mhux kulħadd fehem mill-ewwel x'ried jagħmel Dun Ġorġ, u kien hemm min saħansitra fehmu ħażin. Il-Bibbja u t-teoloġija f'idejn il-lajċi ħaddiema kienet xi ħaġa ġdida, u kienet wisq aktar ġdida li dawn il-lajċi joħorġu fit-toroq u l-pjazez ixandru l-Kelma ta' Alla lil kulħadd. Xi nies marru għand il-Vigarju Mons. Salv Grech u mlewlu rasu li Dun Ġorġ qed jeħfieflu moħħu u min jaf x'tagħlim qed jgħallem!?

Għalhekk, Dun Ġorġ ġie ordnat li jagħlaq id-djar tad-Duttrina, u għax Dun Ġorġ kien bniedem ġej minn Alla, hu kien ubbidjenti lejn l-awtoritajiet tal-Knisja u obda u beda jagħlaq d-djar waħda waħda.

Iżda l-opra ta' Dun Ġorġ kienet tassew ġejja minn Alla, u wara li xi kappillani li emmnu fl-inizzjattiva ta' Dun Ġorġ marru jiddefendu u jaqbżu għalih quddiem l-Awtoritajiet tal-Knisja, lil Dun Ġorġ reġa' ġie mogħti l-permess li jerġa' jiftaħ d-djar tad-Duttrina u jkompli bil-ħidma tiegħu.

Id-Djar tat-Tagħlim Nisrani bdew jiftħu waħda wara l-oħra fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex. Inħass il-bżonn kbir ta' l-edukazzjoni reliġjuża tal-poplu għax il-ħajja nisranija tal-kotra kienet mibnija fuq is-sagramenti u d-devozzjonijiet bla ma kien hemm għeruq sodi fit-tagħlim tal-Knisja. Fl-1952 infetaħ il-Museum tas-Subien f'Ħal Lija u sentejn wara infetaħ dak tal-bniet. It-tfal bdew jiġu kuljum fid-Djar ta' Dun Ġorġ għax hemm sabu nies dedikati li jgħinuhom jikbru, mhux biss fil-ħinijiet tat-tagħlim iżda wkoll waqt il-logħob. Sa mill-bidu nett, Dun Ġorġ obbliga lill-katekisti tal-M.U.S.E.U.M. li kuljum, wara li jkunu temmew jgħallmu liż-żgħar u lill-kbar, jiltaqgħu flimkien għal siegħa ta' formazzjoni nisranija (assenjatur).

L-imħabba li Dun Ġorġ kellu lejn Alla li sar bniedem bħalna sabiex isalvana, wasslitu sabiex fl-24 ta' Diċembru ta' l-1921, lejlet il-Milied,

flimkien mas-soċi u t-tfal jagħmel l-ewwel purċissjoni/dimostrazzjoni bil-Bambin fil-Ħamrun. Din għadha ssir sal-ġurnata ta' llum kull fejn hemm is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., anke barra minn Malta.

L-iskop ewlieni ta' Dun Ġorġ kien Ġesù Kristu. Kien jiġri minn post għall-ieħor jgħallem fit-toroq u l-pjazez, fosthom anke ġo Ħal Lija. Dun Ġorġ kien magħruf ma' kulħadd bħala bniedem ta' Alla u n-nies kienet tfittxcu bi ħġarha għax kliemu ma kienx dak tas-soltu: kliemu kien iqanqal il-qlub ta' kulħadd. Kien ukoll jgħallem bil-kitba. Minkejja l-kwistjoni li kien hawn f'Malta bejn it-Taljan u l-Ingliż, Dun Ġorġ għallem u kiteb bil-Malti, il-lingwa tal-poplu, biex żgur kulħadd jifhem. Il-publikazzjonijiet tiegħu, bejn kotba u fuljetti jlaħħqu mal-150. it-talb tiegħu, li minnu waslilna ħafna u fuq bosta suġġetti, jikxef li Dun Ġorġ kien ruħ mistika, mehdija tfittex lil Alla biss. Mhux ta' b'xejn li kien konfessur imfittex ħafna għal pariri, u jidher li Alla saħanstira nqeda bih biex fejjaq lil xi uħud. Dun Ġorġ kien bniedem ta' umilta kbira, tant li xtaq li ma' mewtu jintesa. Ħajtu kienet priedka ta' manswetudni. Kien jimxi bi ħlewwa ma' kulħadd u ħafet b'mod sinċier li kull min għamillu l-ħsara.

Il-kariżma tiegħu li jgħallem għadha ħajja u l-vokazzjonijiet fis-Soċjetà tiegħu qatt ma jonqsu. Illum tista' tgħid li f'kull raħal u belt ta' Malta u Għawdex issib Djar tal-M.U.S.E.U.M. u eluf ta' tfal u żgħażagħ jattendu kuljum għat-tagħlim nisrani. Mhux biss f'Malta, iżda barra minn Malta wkoll. Fi żmienu. Dun Ġorġ bagħat sitt membri biex jevanġelizzaw fl-Awstralja. Bħalissa s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. għandha wkoll Djar tat-Tagħlim u skejjel fis-Sudan, fil-Kenja, fil-Perù, f'Londra u fl-Albanija.

Dun Ġorġ miet f'Santa Venera, fejn qatta' l-aħħar xhur ta' ħajtu, fis-26 ta' Lulju 1962, fl-età ta' 82 sena, u għalkemm hu ried li l-funeral ikun wieħed sempliċi, nistgħu ngħidu li fil-fatt kien l-ikbar funera li qatt sar f'Malta. Il-ġisem ippreservat tiegħu jinsab midfun fil-kappella tal-Madonna Mirakoluża, ħdejn id-Dar Ġenerali tas-Soċjetà fil-Blata l-Bajda. Il-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu nbdiet fl-1975 u ġie ddikjarat Venerabbli f'Ġunju tas-sena 2000. Dun Ġorġ Precca ġie Beati-

fikat fid-9 ta' Mejju (jum il-festa tiegħu) 2001 mill-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-quddiesa tal-Beatifikazzjoni li saret fuq il-Fosos tal-Furjana. Fit-3 ta' Ġunju ta' din is-sena fost il-ferħ ta' kulħadd, ġie ddikjarat qaddis u mgħolli għall-qima ta' l-artall.

Bil-mewt tiegħu is-Soċjetà tal- M.U.S.E.U.M. ma spiċċatx, iżda kompliet tikber u tinxtered bħal donnu Dun Ġorġ, mis-sema, kien qed iberikha. Żgur li llum ftit huma dawk li b'xi mod jew ieħor xi darba jew oħra f'ħajjithom ma ltaqgħux mal-membri tal- M.U.S.E.U.M. – min bil-lezzjonijiet ta' formazzjoni għas-Sagramenti, min b'xi ġimgħa ta' tagħlim jew sajda, min permezz ta' l-eżerċizzi li l-membri jagħmlu f'xi skejjel u fabbriki u min fuq l-istess post tax-xogħol tiegħu. Il-membri tal- M.U.S.E.U.M. ma jagħmlu ebda stil ta' ħajja ċel-ibi għas-Saltna t'Alla. Bħala lajċi, huma jfittxu li jwasslu lil Kristu fil-postitjiet tax-xogħol, fil-familja li jgħixu fiha u fl-oqsma li jgħallmu fihom.

Dun Ġorġ għadu ħaj fl-Għaqda li hu waqqaf, fil-katekisti li ta' kuljum iwasslu l-Kelma t'Alla u f'tant żgħażagħ ġodda, ġuvintur u xebbiet fl-aħjar tal-ħajja tagħhom, mimlijin bl-entużjażmu tal-ġenerożità taż-żogħżija li jwiegħdu li jagħtu ħajj-ithom lil Alla fis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. u li lejn Kristu biss iħarsu l-ġranet kollha ta' ħajjithom.



Llum, li Dun Ġorġ ġie ddik-jarat qaddis, għandna għax nifirħu... nifirħu li dan is-saċerdot umli għex ħajtu qrib ferm ta' Alla u issa qed igawd-ih fl-eternità; nifirħu u nirrin-grazzjaw 'l Alla għall-għaqda li hu waqqaf 100 sena ilu u li tant qed tagħmel ġid permezz tat-tagħlim mat-tfal, żgħażagħ u adulti, u nifirħu u nimitawh fl-imħabba li hu kellu lejn Alla u lejn it-tagħlim nisrani.

Dun Ġorġ spiss kien iħobb jgħid talba qasira iżda qaw-wija, u li tkun ħaġa sabiħa li aħna n-ni9es ta' Ħal Lija ngħiduha ta' spiss: ĠESÙ KUN GĦALIJA SALVATUR.

Il-Paċi Magħkom ■